# L-Arloġġ tal-Bozza

Rita Saliba

Dun Ġwann kien jidħol fil-kamra tan-nanna kull nhar ta' Sibt. U kull min kien jidħol f'dik il-kamra kien jagħlaq il-bieb u jitkellem minn taħt l-ilsien.

Kont sirt nibża' nidħol ħdejha. Kienet ġiet għandna biex induru biha. Ma kinitx baqgħet timxi u t-tabib kien jiġi jaraha ta' spiss. Id-dar kollha siktet kemm kienet ilha magħna. Anke l-qanpiena tal-bieb konna tfejna. Il-bibien bdew jingħalqu bil-mod u fuq il-mejda tal-kċina konna għamilna kutra taħt id-dvalja tal-plastik biex il-pożati ma jċekċkux għalxejn. U t-taraġ kien ikolli nitilgħu ħafja ma jmurx iżaqżaq xi ftit il-papoċċ goff li kont inħobb nilbes. Konna ħallejna biss l-arloġġ tal-bozza jtektek il-ħin fil-kamra fejn żammejnieha. Ġibnieh mid-dar tan-nanna biex ikollha xi affarijiet minn tagħha madwarha. Dejjem niftakarni nħares lejn il-mara miżbugħa bid-deheb ta' ġo fih fuq pedestall kollu skultura ta' fjuri li ma jfuħux. U kultant, ma' kull tektika kont ngħodd is-sekondi magħha.

Ma nafx x'kien ikun qed jintqal f'dik il-kamra, għax in-nanna ftit li xejn baqgħet titkellem. U meta kont nidħol ħdejha, għax Dun Ġwann kien jgħidli biex inqatta' ftit ħin ħdejha, dejjem kont naraha b'għajnejha kważi magħluqin u b'ħalqha mbexxaq. Kienet tbeżżagħni dik il-kamra bir-riħa staġnata f'taħlita ta' kimika u għaraq tas-sodda. Ġieli staqsejt lili nnifsi jekk hix tassew in-nanna dik li kienet mimduda jew xi impustura. Ma niftakarhiex hekk żgur lin-nanna. Ħarsitha kienet mimlija ħlewwa għal kull ħaġa li kont nagħmel u xagħarha

kien kannella ftit ċar, mhux bħal ta' din. Naħseb xagħar din kien griż u qisu dejjem imwaħħal ma' xulxin. Imbagħad kont nersaq bil-mod il-mod fid-dawl baxx tal-bozza tar-Redentur u nsejħilha. Hekk kien qalli nagħmel Dun Ġwann. U lil Dun Ġwann kont nara li nobdih għax kien jistaqsini kull ġimgħa x'kont inkun għamilt. Kont nibża' nigdiblu. Kont żgura li kien jinduna. Kellu ħabta jħares lejk b'għajnejh ċari, kważi bla kulur. Naħseb kien ittieħed minn dik il-kamra għax dik il-kamra kienet kollha bla kulur.

Nhar ta' Sibt kont inkun waħdi d-dar. Ma kienx ikolli skola u l-bqija tal-familja kienu jkunu impenjati l-ħanut taż-żebgħa li kellna f'tarf ir-raħal. Xi ħadd ried joqgħod man-nanna u ma riditx wisq xogħol. Jekk jinqala' xi ħaġa, kienu jgħiduli, naqbad u nċemplilhom. Ta' spiss kienu jwissuni biex ma ndaħħal lil ħadd iżda lil Dun Ġwann kelli ngħidlu jgħaddi. Għax Dun Ġwann kien ikun qed jagħmel att ta' karità man-nanna u mal-bqija tal-familja. U Dun Ġwann seta' jagħmel ħoss kemm irid xħin ikaxkar is-siġġu fil-kamra tan-nanna.

Kont nippreparalu te bil-lumi, kif kien jgħidli hu u biċċtejn *toast* bil-butir u l-perżut. Imbagħad kien joħroġ minn ħdejn in-nanna u jiġi fil-kċina. Dun Ġwann kien jista' jċekċek il-kuċċarina fil-kikkra huwa u jħawwad iż-żewġ kuċċarini zokkor. U kont nibża' xħin jgħidli biex noqgħod bilqiegħda ħdejh. Kien iżommli jdejja u kont inħoss l-għadam jiksaħ f'idejh.

Imbagħad kien jibda jgħidli li n-nanna kienet daqt se tieħu l-aħħar nifs. Dak il-ħin kont niftakar fir-riħa tinten li kienet toħroġ minn ħalq in-nanna meta kont nersaq lejha biex nara hix qed tieħu nifs. Dun Ġwann kien jinduna u kien jiġbidni aktar lejh, "Tibżax," kien itennili, "billi n-nanna tmut, m'hemmx għalfejn issewwed qalbek għax in-nanna sejra l-Ġenna..." U minn ħalq Dun Ġwann kien jibda ħiereġ diskors kollu ħġieġ ikkulurit ta' knejjes mudlama u nifsu tqil ma' wiċċi kien jonfoħ noti tal-orgni jdoqq waħdu ġo knisja vojta.

U filwaqt li jkompli jkellimni fuq x'hemm jistenniena f'dal-vjaġġ, kont nisthajjel lili nnifsi ningħalaq ġol-arloġġ tal-bozza mal-mara mdehba, fejn la nxomm irwejjaħ u lanqas ma jagħfsuli jdejja. Hemmhekk stajt intektek l-aħħar minuti tan-nanna b'subgħajja mal-ħġieġ u nivvinta l-mużika tiegħi mingħajr ħadd ma jsikkitni. Leħen Dun Ġwann kont nisimgħu riesaq aktar qribi u jien kont nibbies u nidħol fil-knisja tiegħi tal-ħġieġ. Idejja kien jibdew juġgħuni u ma kontx nissogra niġbidhom lura, għax jekk nagħmel hekk Dun Ġwann kien jirrabja u jagħfas iktar. Kont biss nagħti b'rasi u ngħid li iva, kont qed nisimgħu. Kien jersaq ixommli xagħri u jieħu nifsijiet 'il ġewwa u kont nibża' li bin-nifsijiet qosra tiegħi kont se ntappan il-bozza tal-arloġġ u ma kont nibqa' nara xejn. Kien ikolli nżomm in-nifs. U kultant kont nisthajjilni mitt. Forsi

kieku mitt ma kont inħoss xejn. Imbagħad kont inħares lejn il-kikkra tat-te biex nurih li t-te kien ikun kesaħ.

Kien jitlaqli jdejja, iħares lejja biċċiera, jiekol it-*toast* u jixrob it-te kiesaħ bil-lumi. Kont dlonk nersaq 'il bogħod minnu. Kont inkun nixtieq nibda ngħajjat u nwerżaq imma ħalqi ma kontx inkun nista' niftħu u hawn ġew kont insejt kif nagħmel ħoss. Imbagħad kont nibda nieħu n-nifs daqslikieku ġrejt ġirja. Kont nirrabja għal nannti, ġieli tlabt biex tfittex tmut imma kont inneħħi dal-ħsieb minn moħħi bla telf ta' żmien għax Dun Ġwann kien jinduna. Dun Ġwann kien jinduna b'kollox, anke li kont inkun waħdi u mwerwra.

Dakinhar li nannti ħadet l-aħħar nifs, id-dar kienet mimlija bin-nies. Dakinhar ma bżajtx. Kulħadd beda tiela' u nieżel it-taraġ biż-żraben u l-kuċċarini bdew iċekċku mal-kikkri biex jitħawwad iz-zokkor u s-sink tal-kċina beda jħabbat il-plattini flimkien. Ħadnieha l-knisja mdawla kollha brazzi u bozoz qawwijin. In-noti tal-orgni tħalltu ma' xi lfiqa jew tqaħqiħa 'l hawn u 'l hinn. Dun Ġwann kien qed iqaddes b'għajnejh bla kulur iħarsu fissi lejn in-nies. Staħbejt wara l-kowtijiet suwed biex nevita ħarstu. Kont naf li ried jara fejn kont. Jekk kontx ġejt. Moħħi ngħalaq. Ridt il-quddiesa tispiċċa malajr. Bdejt inxomm ir-riħa tal-kamra tan-nanna. Imma issa n-nanna telqet mill-kamra darba għal dejjem. U Dun Ġwann kien qed jgħid xi ħaġa li n-nanna issa sabet id-dawl. Xtaqt noħroġ barra għall-arja. Ħassejtni qed nifga f'dis-swidija. Idejja bdew jiksħu u juġgħuni.

Lura d-dar stajt nieħu n-nifs u nħares lejn il-merżuq dawl li kien daħal mit-tieqa tal-kamra tan-nanna, donnu qed ifittixha. Bexxaqt il-bieb forsi nisma' xi żaqżiqa, il-bieb kien tgħallem jinfetaħ bla ħoss. Sabbattu biex għalaqtu u ssiġillajt dik il-kamra darba għal dejjem.

Dak il-lejl ħlomt bin-nanna ta' xagħarha kannella ċar miexja 'l bogħod bla kliem u bla sliem, tkaxkar il-kutra warajha u tħares lura lejja b'diqa. Ma kinitx qed tistedinni. Fejn kienet sejra, kienet sejra waħedha. B'subgħajha wrietni l-arloġġ tal-bozza. Malajr fhimt li riditni nidħol taħtha u obdejt. Imlejt il-ħġieġ bil-fwar ta' mnifsejja u bdejt nieħu gost inneħħih b'subgħajha filwaqt li nagħmel disinji ta' kull forma. F'daqqa waħda nifsi nqata', inġbidt imbeżżgħa. Indunajt li kont maqfula hemm ġew. Ma kellix minn fejn naħrab. Komplejt nimsaħ il-ħġieġ li kont tappant bin-nifs tiegħi. Mal-ħġieġ fuq barra nara wiċċ Dun Ġwann, b'għajnejh iffissati f'tiegħi, jitbissimli, b'martell f'idejh.